## QABAR MINSI

*Ta'* PETER CARUANA

Kont minsi minn kulħadd fi xtajta mwarrba,
imħaffer ġewwa l-blat ma' ġenb il-baħar.
U xejn ma tisma' għajr kultant xi karba
ta' meta l-mewġ mal-blat ikun jiftaħar.

Kont qisek qiegħed tgħasses lil xi blata
li fuqha rat xi darba żewġ namrati;
Kont għeri minn kull ħlejqa, u mingħajr għata,
kont donnhok tagħti biss kenn lill-fatati.

Ma sibtlekx fdal ta' iġsma ta' xi bniedem;
lanqas ma sibt ħaxixa tgħammar miegħek!
Donnok xi wieħed midneb u issa niedem,
inħbejt qalb il-għoljiet u l-ħemda tiegħek.

Int, o qabar, fakkartni fil-mewt tagħna.
Meta mmutu ħadd aktar ma jarana.